Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,409, 21 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 204 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 21.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Mejju, 2020.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat ki ġej:

(a) l-artikolu 2 għandu sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"2. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq kollu tal-bars, swali taċ-ċinema, *gymnasiums*, mużewijiet, esebizzjonijiet, diskoteki, *night clubs*, pixxini ta' ġewwa, *massage parlours*, fond għal-logħob inkluż fond għal-logħob ikkontrollat, swali tat-tombla, każinòs u ħwienet tal-imħatri.";

(b) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda r-ristoranti, il-kafetteriji, *snack bars* u klabbs li għandhom postijiet fejn wieħed joqgħod bilqiegħda fuq barra, għandhom prinċipalment u sa fejn ikun prattiku, jipprovdu servizzi lill-klijenti tagħhom fuq barra, mentri r-ristoranti, il-kafetteriji, *snack bars* u klabbs kollha, inkluż dawk li ma għandhomx postijiet fejn wieħed joqgħod bilqiegħda fuq barra, għandhom joffru servizzi lill-klijenti tagħhom fuq ġewwa, b'kapaċità mnaqqsa u dejjem bil-miżuri applikabbli ta' tbegħid soċjali. Ir-ristoranti, il-kafetteriji, *snack bars* u klabbs kollha jistgħu jkomplu jipprovdu servizzi ta' konsenja u ta' *take-away* lill-komunità u r-ristoranti, il-kafetteriji u s-*snack bars* kollha li

Verżjoni Elettronika

jinsabu f'lukandi jistgħu jkomplu jipprovdu servizz fil-kamra lil mistednin ta' lukandi u servizz ta' konsenja lill-komunità:"; u

(ċ) minnufih wara l-ewwel proviso għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, il-ħwienet tal-logħob għandhom għandhom jiftħu biss u esklussivament sabiex jipprovdu mħatri sportivi permezz tal-magni u għall-ebda servizz ieħor, u klijenti ma għandhomx jibqgħu fil-ħweinet tal-logħob wara li jagħmlu użu minn tali servizzi ta' imħatri sportivi:".